**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għas-Sajd*

**2025/0090(COD)**

17.10.2025

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali
(COM(2025)0173 – C10-0074/2025 – 2025/0090(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Emma Fourreau

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-oċean, li huwa beni komuni globali tal-umanità, ikopri madwar 70 % ta' wiċċ id-dinja. Iż-żewġ terzi tas-superfiċje tal-oċean jinsabu f'żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali. L-ibħra internazzjonali jospitaw speċijiet u ekosistemi marini uniċi, li qed jiffaċċjaw theddid li jirriżulta mill-impatti tal-attivitajiet tal-bniedem bħas-sajd eċċessiv, it-tbaħħir, it-tniġġis, l-industriji estrattivi u l-effetti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima. Jikkostitwixxu wkoll żona ta' kompetizzjoni ġeopolitika. Il-protezzjoni ta' dawk iż-żoni u t-tisħiħ tal-governanza tal-ibħra internazzjonali huma għalhekk azzjonijiet essenzjali biex jiġu indirizzati t-telf tal-bijodiversità marina u t-tibdil fil-klima, iżda wkoll biex tiġi żgurata ġestjoni sostenibbli fit-tul tal-popolazzjonijiet marini, inkluż għall-ġestjoni tas-sajd.

"Il-vapur daħal fil-port" ħabbret l-Ambaxxatriċi tan-NU għall-Oċeani u l-Kwistjonijiet tal-Liġi tal-Baħar fit-3 ta' Marzu 2023. Il-ftehim storiku, "il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali" (BBNJ), adottat fl-2023, huwa wieħed mill-akbar kisbiet fid-diplomazija dwar l-oċeani kif ukoll suċċess għall-multilateraliżmu. Dan jindirizza erba' oqsma ewlenin: ir-riżorsi ġenetiċi marini; miżuri bħal għodod tal-ġestjoni skont iż-żona; il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali; u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-trasferiment ta' teknoloġija marina. Dan għandu jiġi ratifikat dalwaqt wara l-progress li sar fil-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani tal-2025.

Għaldaqstant ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva biex il-Ftehim BBNJ jiġi integrat fid-dritt tal-UE. Hija taqbel mal-ħtieġa għal traspożizzjoni rapida biex jiġi żgurat li l-UE tkun konformi mal-obbligi internazzjonali tagħha fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ. L-approċċ tal-Kummissjoni li tillimita l-proposta għal traspożizzjoni stretta tal-Ftehim BBNJ huwa xieraq u jiżgura kundizzjonijiet ekwi. Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Il-Ftehim BBNJ ma jimminax l-istrumenti u l-oqfsa legali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti, inklużi l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u jippromwovi l-koerenza u l-koordinazzjoni ma' dawk l-istrumenti, l-oqfsa u l-korpi. B'mod partikolari, il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Tali koordinazzjoni fil-livell tal-UE se tkun kruċjali għas-suċċess tal-implimentazzjoni tiegħu, inkluż biex jiġi evitat il-ksur tal-PKS u jiġi żgurat approċċ koerenti.

Ir-rapporteur tissuġġerixxi xi emendi mmirati dwar dispożizzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' kompetenza tal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd, sabiex il-proposta tiġi allinjata aktar mill-qrib mal-Ftehim BBNJ:

• L-Artikolu 8(6) dwar il-kundizzjonijiet ġenerali relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali: l-opinjoni tintroduċi bidliet biex tiġi riflessa aħjar l-eċċezzjoni introdotta mill-Artikolu 29(4) tal-Ftehim BBNJ u li tapplika f'każ li diġà tkun twettqet valutazzjoni tal-impatt ambjentali għall-attività ppjanata f'konformità mar-rekwiżiti ta' strumenti, oqfsa u korpi rilevanti oħra, inklużi l-RFMOs. Filwaqt li l-Artikolu 8(6) jista' jinftiehem li jimplika li din l-eċċezzjoni tapplika fiċ-ċirkostanzi kollha, il-Ftehim BBNJ jistabbilixxi diversi kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati.

• L-Artikolu 17(2) dwar il-Kontenut tal-Proposti ta' Miżuri bħal għodod tal-ġestjoni skont iż-żona: skont il-Ftehim BBNJ, il-Partijiet għandhom jikkollaboraw u jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-kelma "jikkollaboraw" hija nieqsa. Din iż-żieda hija

importanti, inkluż fir-rigward tal-partijiet ikkonċernati mis-settur tas-sajd.

• L-Artikolu 18 dwar l-Implimentazzjoni: ir-rapporteur tintroduċi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25 tal-Ftehim BBNJ li kienu neqsin u tikkjarifika l-każijiet fejn, minbarra l-Istati Membri, il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-UE f'xi strumenti, oqfsa u korpi rilevanti oħra, b'mod partikolari l-RFMOs.

• Ġiet introdotta premessa dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-BBNJ relatati mal-kooperazzjoni internazzjonali biex tfakkar l-obbligi tal-UE skont il-Ftehim BBNJ ħalli jiġu żgurati kooperazzjoni u koerenza mal-ħidma li saret fl-RFMOs u fil-Konvenzjoni dwar Ibħra Reġjonali, meta jitqies ir-rwol ewlieni tagħhom. Din tistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw approċċ koordinat komuni u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni.

Ir-rapporteur fl-aħħar nett tappella għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni rapidi tal-Ftehim BBNJ. Hija temmen li l-attakki ripetuti kontra l-multilateraliżmu jenfasizzaw il-ħtieġa li l-UE ttenni l-impenn qawwi tagħha għall-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jippreżenta lill-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-Istati Membri jeħtiġilhom iżommu sovranità sħiħa fid-determinazzjoni tal-attivitajiet taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tagħhom. Din id-Direttiva jenħtieġ li ma tiġix interpretata li tillimita l-kapaċità tagħhom li jiddefinixxu, f'konformità mas-sistema legali domestika tagħhom u mad-dritt internazzjonali, l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-Unjoni hija impenjata li żżid l-isforzi sabiex tindirizza t-tibdil fil-klima u li twettaq l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("il-Ftehim ta' Pariġi"), iggwidata mill-prinċipji tiegħu u abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli, fil-kuntest tal-għan fit-tul dwar it-temperatura ***tal-Ftehim*** ta' Pariġi. | (5) L-Unjoni hija impenjata li żżid l-isforzi sabiex tindirizza t-tibdil fil-klima u li twettaq l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("il-Ftehim ta' Pariġi"), iggwidata mill-prinċipji tiegħu***, inkluż billi żżid il-kapaċità li tadatta għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u trawwem ir-reżiljenza għall-klima u l-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra, b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel,*** u abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli, fil-kuntest tal-għan fit-tul dwar it-temperatura ***stabbilit fil-Ftehim*** ta' Pariġi. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jilħqu l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, adottat fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ***ta' bejn is-7 u d-19*** ta' Diċembru 2022, u ***l-viżjoni*** strateġika fit-tul li, sal-2050, il-bijodiversità trid tiġi stmata, ikkonservata, irrestawrata u użata b'mod għaqli, filwaqt li jiġu ppreservati servizzi tal-ekosistema, tiġi sostnuta pjaneta b'saħħitha u jingħiebu benefiċċji essenzjali għal kulħadd. ***L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030***, ***fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2023 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna"***, ***tistabbilixxi diversi objettivi***, ***inkluż l-għan li jiġi rrestawrat l-istatus ambjentali tajjeb*** | (7) ***L-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030, fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna", tistabbilixxi diversi objettivi, inkluż fir-rigward tal-ekosistemi marini, b'mod partikolari bl-għan li jiġi konkluż ftehim ambizzjuż legalment vinkolanti dwar il-bijodiversità marina ta' żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali (BBNJ).*** Bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jilħqu l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, adottat fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika ***(KDB) tas-7-19*** ta' Diċembru 2022, u ***flimkien mal-viżjoni*** strateġika fit-tul li, sal-2050, il- |

| | |
|---|---|
| ***tal-ekosistemi marini***. | bijodiversità trid tiġi stmata, ikkonservata, irrestawrata u użata b'mod għaqli, filwaqt li jiġu ppreservati servizzi tal-ekosistema, tiġi sostnuta pjaneta b'saħħitha u jinġiebu benefiċċji essenzjali għal kulħadd. ***Il-partijiet għall-KDB***, ***f'konformità mal-missjoni tal-2030 lejn il-kisba tal-viżjoni strateġika tal-2050***, ***jeħtiġilhom jieħdu azzjoni urġenti biex iwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità biex ipoġġu n-natura fit-triq lejn l-irkupru għall-benefiċċju tan-nies u tal-pjaneta billi jikkonservaw u jużaw b'mod sostenibbli l-bijodiversità u billi jiżguraw il-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi, filwaqt li jipprovdu l-mezzi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-KDB***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2025 bit-titolu "Il-Patt Ewropew għall-Oċeani" tistabbilixxi azzjonijiet biex jiġu żgurati r-ratifika, it-traspożizzjoni fid-dritt tal-Unjoni, u l-implimentazzjoni rapidi tal-Ftehim BBNJ u l-governanza sostenibbli tal-Ibħra Internazzjonali. Tipprevedi wkoll li l-Unjoni tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim BBNJ fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-kontribuzzjoni ta' EUR 40 miljun għall-Programm Globali għall-Oċeani.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Id-dikjarazzjoni tal-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja għall-Bijodiversità lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali tat-28 ta' Mejju 2025, li nbdiet mill-Kummissjoni u li tlaqqa' flimkien madwar 40 pajjiż, turi l-ambizzjoni tal-Unjoni fil-governanza u l-protezzjoni globali tal-oċeani. F'konformità ma' din il-viżjoni, ikkomplementata mid-diplomazija dwar l-oċeani, jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri li lesti jospitaw il-kwartieri ġenerali tas-segretarjat internazzjonali definit fl-Artikolu 50 tal-Ftehim BBNJ u tiżgura l-kofinanzjament tiegħu. Huwa importanti wkoll li bħala parti mid-diplomazija tagħha dwar l-Oċeani, l-Unjoni theġġeġ lill-pajjiżi terzi jirratifikaw il-Ftehim BBNJ u tiżgura li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tiegħu sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7c) Skont il-Ftehim BBNJ, il-Partijiet jenħtieġ li jikkooperaw, inkluż permezz tat-tishiħ u t-titjib tal-kooperazzjoni mal-istrumenti u l-oqfsa legali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti u tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejniethom fil-kisba tal-objettivi tal-Ftehim BBNJ. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw approċċ komuni kkoordinat u mekkaniżmi għall-iżgurar tal-koerenza mal-ħidma mwettqa fi ħdan dawk l-istrumenti, l-oqfsa u l-korpi bħal fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) jew fil-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali,*** |

| | |
|---|---|
| | ***inkluż fir-rigward tal-promozzjoni tal-miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet skont il-Parti III tal-Ftehim BBNJ.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7d) Skont l-Artikolu 5 tiegħu, il-Ftehim BBNJ irid jiġi interpretat u applikat b'mod li ma jimminax l-istrumenti u l-oqfsa legali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti u li jippromwovi l-koerenza u l-koordinazzjoni ma' dawk l-istrumenti, l-oqfsa u l-korpi. F'dak il-kuntest, l-RFMOs jibqgħu l-korpi internazzjonali kompetenti għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd f'żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali. L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi tagħhom kif ukoll l-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha skont id-dritt tal-Unjoni u l-ftehimiet internazzjonali eżistenti dwar l-ibħra internazzjonali. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jaġixxu fi ħdan l-RFMOs biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet adottati minn dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ggwidati mill-aħjar xjenza disponibbli, u jippromwovu l-konsistenza bejn id-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tas-sajd u l-objettivi tal-Ftehim BBNJ.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7e) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jsegwu l-prinċipji u l-approċċi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-Ftehim BBNJ.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7f) Ir-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1a] jistabbilixxi qafas għall-identifikazzjoni u l-adozzjoni ta' miżuri fir-rigward ta' pajjiżi terzi li jonqsu milli jikkooperaw u li jippermettu sajd mhux sostenibbli ta' stokk ta' interess komuni għall-Unjoni. Dak ir-Regolament, emendat dan l-aħħar, jippermetti lill-Unjoni tidentifika pajjiż terz bħala pajjiż li jippermetti sajd mhux sostenibbli jekk, fost l-oħrajn, jonqos milli jikkoopera fil-ġestjoni ta' stokk ta' interess komuni f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UNCLOS u tal-Ftehim tan-NU dwar il-Ħażniet ta' Ħut (UNFSA), jew ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali ieħor, bħall-Ftehim BBNJ, jew ma' kwalunkwe regola oħra tad-dritt internazzjonali, u jekk jonqos milli jadotta l-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd meħtieġa. F'dak ir-rigward, din id-Direttiva jenħtieġ li taħdem flimkien mar-Regolament (UE) Nru 1026/2012, b'mod speċjali b'rabta mal-kooperazzjoni internazzjonali li tista' tiġi stabbilita fil-qafas tal-RFMOs jew, meta dawn ma jkollhom l-ebda kompetenza għall-istokk inkwistjoni, permezz ta' arranġamenti ad hoc fost il-pajjiżi li jkollhom interess fis-sajd rilevanti.***<br>_____ |

***[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli, ĠU L 316, 14.11.2012, p. 34–37.***

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Din id-direttiva hija limitata għat-traspożizzjoni stretta tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni skont il-Ftehim BBNJ.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Skont il-Ftehim BBNJ, l-attivitajiet fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi marini u l-informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi ta' riżorsi ġenetiċi marini fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali huma fl-interess tal-Istati kollha u għall-benefiċċju tal-umanità kollha, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-avvanz tal-għarfien xjentifiku tal-umanità u l-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina, filwaqt li jitqiesu l-interessi u l-ħtiġijiet tal-Istati li qed jiżviluppaw. | (9) Skont il-Ftehim BBNJ, l-attivitajiet fir-rigward tar-riżorsi ġenetiċi marini u l-informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi ta' riżorsi ġenetiċi marini fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali huma fl-interess tal-Istati kollha u għall-benefiċċju tal-umanità kollha, b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-avvanz tal-għarfien xjentifiku tal-umanità u l-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina, ***biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel u jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ekonomija marina,*** filwaqt li jitqiesu l-interessi u l-ħtiġijiet tal-Istati li qed jiżviluppaw. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-Ftehim BBNJ jippermetti l-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali. Il-miżuri adottati mill-Konferenza tal-Partijiet skont il-Ftehim BBNJ jenħtieġ li jiġu implimentati u, ***jekk ikun meħtieġ***, trasposti fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Sakemm issir it-traspożizzjoni, jenħtieġ li ***l-Istati Membri ma jimminawx*** l-effettività tal-miżuri adottati. Huwa ***meħtieġ*** li jiġu stabbiliti l-proċeduri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri u ***l-Kummissjoni*** qabel is-sottomissjoni ta' kwalunkwe proposta sabiex jiġu stabbiliti għodod tal-ġestjoni skont iż-żona jew ***proposta*** għal miżura ta' emerġenza lis-Segretarjat ***tal-BBNJ***. | (14) Il-Ftehim BBNJ jippermetti l-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali. ***Il-mira 3 tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming Montreal issemmi żoni protetti u miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona (OECMs). Għalkemm mhux imsemmija fil-Ftehim BBNJ, l-OECMs jistgħu jitqiesu bħala parti mill-għodod ta' ġestjoni bbażati fuq iż-żona.*** Il-miżuri adottati mill-Konferenza tal-Partijiet skont il-Ftehim BBNJ jenħtieġ li jiġu implimentati u, ***fejn rilevanti***, trasposti fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Sakemm issir it-traspożizzjoni, jenħtieġ li l-effettività tal-miżuri adottati ***ma tiġix imminata***. Huwa ***importanti*** li jiġu stabbiliti l-proċeduri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri u ***l-azzjonijiet tal-Unjoni*** qabel is-sottomissjoni ta' kwalunkwe proposta sabiex jiġu stabbiliti għodod tal-ġestjoni skont iż-żona ***lis-Segretarjat tal-BBNJ. Tista' tiġi adottata miżura ta' emerġenza b'mod intersessjonali, minħabba l-ħtieġa ta' rispons rapidu għall-prevenzjoni tal-ħsara fuq il-bijodiversità, l-ekosistemi jew is-sajd. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissottomettu proposti*** għal miżura ta' emerġenza ***direttament*** lis-Segretarjat***. Fejn applikabbli u f'konformità mal-Ftehim BBNJ, jenħtieġ li jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-RFMOs fl-użu ta' għodod ta' ġestjoni u miżuri ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Skont din id-Direttiva, għal kwalunkwe proposta għall-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona jew kwalunkwe proposta għal miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 19 u l-Artikolu 24(3) tal-Ftehim BBNJ, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ***legali*** preliminari. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tinkludi valutazzjoni ***tal-ħtieġa*** li l-Unjoni tressaq tali proposta lis-Segretarjat tal-BBNJ. | (15) Skont din id-Direttiva, għal kwalunkwe proposta għall-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona jew kwalunkwe proposta għal miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 19 u l-Artikolu 24(3) tal-Ftehim BBNJ, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni preliminari ***sabiex tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri u tiżgura koordinazzjoni***. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tinkludi valutazzjoni ***tar-rilevanza*** li l-Unjoni tressaq tali proposta lis-Segretarjat tal-BBNJ. |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim, il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni jenħtieġ li jiffunzjonaw b'mod effettiv, ikunu bbażati fuq l-aħjar xjenza u informazzjoni xjentifika disponibbli, u joperaw b'mod effiċjenti b'kunsiderazzjoni adegwata tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u bi djalogu magħhom;*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika | (17) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika |

għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u ratifikata fis-17 ta' Frar 2005. L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991 u ratifikata fl-24 ta' Ġunju 1997. Jenħtieġ li l-obbligi skont dawn il-Konvenzjonijiet jibqgħu applikabbli fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Konvenzjoni ta' Espoo għandha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fil-valutazzjoni tal-impatt ambjentali b'mod partikolari f'kuntest transkonfinali. L-objettivi tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ***jinkludu l-garanzija tad-drittijiet*** ta' parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali sabiex ***tikkontribwixxi*** għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benesseri personali. Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, id-drittijiet ta' parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont l-istess prinċipji bħal dawk stabbiliti skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus.

għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u ratifikata fis-17 ta' Frar 2005. L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali, iffirmata f'Espoo fil-25 ta' Frar 1991 u ratifikata fl-24 ta' Ġunju 1997. Jenħtieġ li l-obbligi skont dawn il-Konvenzjonijiet jibqgħu applikabbli fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Konvenzjoni ta' Espoo għandha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fil-valutazzjoni tal-impatt ambjentali b'mod partikolari f'kuntest transkonfinali. L-objettivi tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ***għandhom l-għan li jiggarantixxu d-drittijiet*** ta' ***aċċess għall-informazzjoni,*** parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet***, u aċċess għall-ġustizzja*** fi kwistjonijiet ambjentali sabiex ***jikkontribwixxu*** għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benesseri personali. Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, id-drittijiet ta' parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont l-istess prinċipji bħal dawk stabbiliti skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus.

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) ***Peress li*** strumenti jew oqfsa legali applikabbli oħra jew korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali jipprovdu qafas għall-valutazzjoni tal-impatti tal-attivitajiet ippjanati taħt il- | (19) ***Meta*** strumenti ***legali*** jew oqfsa legali applikabbli oħra jew korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali***, bħall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), l-*** |

ġuriżdizzjoni jew il-kontroll nazzjonali li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jwettqu skrinjar jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità ma' din id-Direttiva ***skont il-kundizzjonijiet*** stabbiliti fl-Artikolu 29(4) tal-Ftehim BBNJ. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jiżgura li r-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ppubblikat permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ.

***Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) jew il-Politika Komuni tas-Sfajd (PKS),*** jipprovdu qafas għall-valutazzjoni tal-impatti tal-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll nazzjonali li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jwettqu skrinjar jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformfità ma' din id-Direttiva***, dment li l-Istati Membri b'ġuriżdizzjoni jew kontroll fuq l-attività ppjanata ma jiddeterminawx li l-kundizzjonijiet*** stabbiliti fl-Artikolu 29(4) tal-Ftehim BBNJ ***huma ssodisfati***. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jiżgura li r-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ppubblikat permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ.

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Id-deċiżjonijiet li jawtorizzaw attivitajiet ippjanati li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali li jittieħdu mill-awtorità jew mill-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu l-forma ta' firxa wiesgħa ta' atti legali (bħal permessi għall-iżvilupp, deċiżjonijiet, permessi u forom oħra ta' awtorizzazzjoni), skont il-proċeduri nazzjonali applikabbli fl-Istati Membri. Irrispettivament mill-forma, it-titolu jew il-proċedura għall-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet skont id-dritt nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-attivitajiet ippjanati li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali li jistgħu jikkawżaw tniġġis sostanzjali jew bidliet sinifikanti u ta' ħsara fl-ambjent marin isiru soġġetti għal valutazzjoni qabel ma jiġu awtorizzati. | (23) Id-deċiżjonijiet li jawtorizzaw attivitajiet ippjanati li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali li jittieħdu mill-awtorità jew mill-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu l-forma ta' firxa wiesgħa ta' atti legali (bħal permessi għall-iżvilupp, deċiżjonijiet, permessi u forom oħra ta' awtorizzazzjoni), skont il-proċeduri nazzjonali applikabbli fl-Istati Membri. Irrispettivament mill-forma, it-titolu jew il-proċedura għall-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet skont id-dritt nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-attivitajiet ippjanati li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali li jistgħu jikkawżaw tniġġis sostanzjali jew bidliet sinifikanti u ta' ħsara fl-ambjent marin isiru soġġetti għal valutazzjoni qabel ma jiġu awtorizzati. ***Jenħtieġ li jitqies il-fatt li l-attivitajiet tas-sajd irregolati mill-*** |

***RFMOs jew mill-PKS setgħu diġà ġew soġġetti għal proċess ta' skrinjar, u li jista' ma jkunx hemm il-ħtieġa li jitwettaq skrinjar ġdid, dment li l-Istati Membri ma jiddeterminawx li l-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 8(6) tal-Ftehim BBNJ huma ssodisfati.***

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Din id-Direttiva tapplika għal żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali. Hija tistabbilixxi regoli applikabbli għar-riżorsi ġenetiċi marini u l-informazzjoni diġitali dwar is-sekwenzi, il-valutazzjonijiet ambjentali tal-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri, kif ukoll ir-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona u ta' miżuri ta' emerġenza. Hija tapplika flimkien mar-regoli u l-politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) "attività ppjanata" tfisser attività li tinvolvi l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, installazzjonijiet, skemi ***jew interventi oħra fl-ambjent marin, inklużi*** attivitajiet regolari mmirati lejn l-użu ta' riżorsi naturali; | (i) "attività ppjanata" tfisser ***kwalunkwe*** attività li tinvolvi ***intervent fl-ambjent marin, li fost l-oħrajn jinkludi*** l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, installazzjonijiet, skemi ***u*** attivitajiet regolari mmirati lejn l-użu ta' riżorsi naturali; |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) "attivitajiet taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll" tfisser attivitajiet imwettqa ***kemm minn*** entitajiet pubbliċi kif ukoll privati, li fuqhom l-Istat Membru jista', f'konformità mad-dritt internazzjonali, jeżerċita l-kompetenza jew l-awtorità tiegħu; | (j) "attivitajiet taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll" tfisser attivitajiet imwettqa ***minn persuni fiżiċi u ġuridiċi, inklużi*** entitajiet pubbliċi kif ukoll privati, li fuqhom l-Istat Membru jista', f'konformità mad-dritt internazzjonali, jeżerċita l-kompetenza jew l-awtorità tiegħu; |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (n) "pubbliku" tfisser il-pubbliku kkonċernat kif ukoll il-komunitajiet indiġeni u lokali b'għarfien tradizzjonali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti u l-komunità xjentifika; | (n) "pubbliku" tfisser il-pubbliku kkonċernat kif ukoll ***il-Komunitajiet Indiġeni*** u lokali b'għarfien tradizzjonali rilevanti u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti u l-komunità xjentifika; |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva tapplika għall-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali. | 1. Din id-Direttiva tapplika għall-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali***, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri***. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Id-Direttiva ma għanda, taħt l-ebda ċirkostanza, tinterferixxi mal-proċessi li bihom l-Istati Membri jfittxu l-estensjoni tal-blata kontinentali tagħhom quddiem il-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Limiti tal-Blata Kontinentali,*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għas-sajd irregolat skont id-dritt internazzjonali applikabbli u l-attivitajiet relatati mas-sajd; ***kif ukoll*** | (a) għas-sajd irregolat skont id-dritt internazzjonali applikabbli u ***l-Politika Komuni tas-Sajd, u*** l-attivitajiet relatati mas-sajd; ***u*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali li għalihom ikunu twettqu skrinjar jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mar-rekwiżiti ta' strumenti jew oqfsa legali internazzjonali rilevanti oħra jew minn korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali rilevanti***. Għal attivitajiet li tkun saritilhom valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mar-rekwiżiti ta' strumenti jew oqfsa legali rilevanti oħra*** | 6. Dan il-Kapitolu ma japplikax għall-attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali li għalihom ikunu twettqu skrinjar jew valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'konformità mar-rekwiżiti ta' strumenti jew oqfsa legali internazzjonali rilevanti oħra jew minn korpi globali, reġjonali, subreġjonali jew settorjali rilevanti***bħall-RFMOsdment li*** l-Istati Membri ***ma jiddeterminawx*** li l-kundizzjonijiet ***skont l-Artikolu*** 29(4) tal-Ftehim BBNJ ***huma ssodisfati;*** F'każijiet |

***jew minn korpi globali***, ***reġjonali***, ***subreġjonali jew settorjali rilevanti,*** l-Istati Membri ***għandhom jiżguraw*** li ***jiġu ssodisfati*** l-kundizzjonijiet ***fl-Artikolu*** 29(4) tal-Ftehim BBNJ**.** F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ppubblikat permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ u li l-attività tiġi mmonitorjata.

bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali jiġi ppubblikat permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ u li l-attività tiġi mmonitorjata.

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Għal attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali u li x'aktarx ***ikollhom effetti*** sinifikanti ***fuq l-ambjent*** marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-Direttiva 2011/92/UE u liġijiet rilevanti oħra tal-UE li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati. Għal dawn l-attivitajiet, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni rilevanti disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ fil-ħin, matul il-proċess skont id-Direttiva 2011/92/UE u liġijiet rilevanti oħra tal-UE li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati u jiżguraw li l-attività tiġi mmonitorjata b'mod konsistenti mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. | 7. Għal attivitajiet ippjanati taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tal-Istati Membri li jseħħu fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali u li x'aktarx ***jikkawżaw tniġġis sostanzjali jew bidliet*** sinifikanti ***u ta' ħsara għall-ambjent*** marin fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-Direttiva 2011/92/UE u liġijiet rilevanti oħra tal-UE li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati. Għal dawn l-attivitajiet, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni rilevanti***, inkluż kwalunkwe rapport ta' monitoraġġ rilevanti,*** disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ fil-ħin, matul il-proċess skont id-Direttiva 2011/92/UE u liġijiet rilevanti oħra tal-UE li fihom dispożizzjonijiet relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali għall-attivitajiet ippjanati u jiżguraw li l-attività tiġi mmonitorjata b'mod konsistenti mar-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Meta jwettqu l-iskrinjar, l-Istati Membri għandhom ***jikkunsidraw*** mill-inqas id-deskrizzjoni tal-attività ppjanata, inklużi l-fini, il-post, it-tul u l-intensità tagħha, l-analiżi inizjali tal-impatti potenzjali, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-impatti kumulattivi u, kif xieraq, alternattivi għall-attività ppjanata. | 3. Meta jwettqu l-iskrinjar, l-Istati Membri għandhom mill-inqas ***jikkunsidraw*** id-deskrizzjoni tal-attività ppjanata, inklużi l-fini, il-post, it-tul u l-intensità tagħha, l-analiżi inizjali tal-impatti potenzjali, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-impatti kumulattivi u, kif xieraq, alternattivi għall-attività ppjanata. |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-impatti potenzjali tal-attività ppjanata, inklużi l-impatti kumulattivi potenzjali u l-impatti potenzjali f'żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali; | (e) l-impatti potenzjali tal-attività ppjanata ***fuq l-ambjent u l-attivitajiet eżistenti***, inklużi l-impatti kumulattivi potenzjali u l-impatti potenzjali f'żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali; |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali għandu jkun ibbażat fuq opinjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni ***tiegħu*** maħruġa minn awtorità kompetenti. | 2. Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali għandu jkun ibbażat fuq opinjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni maħruġa minn awtorità kompetenti. |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) deskrizzjoni tal-impatti potenzjali tal-attività ppjanata, inklużi l-impatti kumulattivi potenzjali u kwalunkwe impatt tal-attività fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali; | (d) deskrizzjoni tal-impatti potenzjali tal-attività ppjanata, ***inklużi l-impatti ambjentali ewlenin u kwalunkwe impatt assoċjat, bħall-impatti ekonomiċi, soċjali, kulturali u l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem f'konformità mal-Artikolu 31.1 tal-Ftehim BBNJ,*** inklużi l-impatti kumulattivi potenzjali u kwalunkwe impatt tal-attività fiż-żoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni nazzjonali; |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-partijiet għall-Ftehim BBNJ, b'mod partikolari l-partijiet kostali kontigwi mal-attività ppjanata u kwalunkwe parti kontigwa oħra mal-attività ppjanata, u l-pubbliku kkonċernat għandhom jingħataw opportunitajiet bikrin u effettivi sabiex jipparteċipaw fi proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet ippjanati msemmija fl-Artikolu 12(2) u għandhom, għal dak l-għan, ikunu intitolati li jesprimu kummenti u opinjonijiet qabel ma tittieħed deċiżjoni biex tiġi awtorizzata attività ppjanata meta l-għażliet kollha jkunu miftuħa għall-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti. | 2. Il-partijiet għall-Ftehim BBNJ, b'mod partikolari l-partijiet kostali kontigwi mal-attività ppjanata u kwalunkwe parti kontigwa oħra mal-attività ppjanata, u l-pubbliku kkonċernat għandhom jingħataw opportunitajiet bikrin u effettivi sabiex jipparteċipaw fi proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-attivitajiet ippjanati msemmija fl-Artikolu 12(2)***, inkluż fil-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali,*** u għandhom, għal dak l-għan, ikunu intitolati li jesprimu kummenti u opinjonijiet qabel ma tittieħed deċiżjoni biex tiġi awtorizzata attività ppjanata meta l-għażliet kollha jkunu miftuħa għall-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti. |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) partijiet li jwettqu, fiż-żona tal-attività ppjanata, attivitajiet tal-bniedem, inklużi attivitajiet ekonomiċi, li jistgħu raġonevolment jitqiesu li ġew affettwati mill-attività ppjanata. | (b) partijiet li jwettqu, fiż-żona tal-attività ppjanata, attivitajiet tal-bniedem, inklużi attivitajiet ekonomiċi, li jistgħu raġonevolment jitqiesu li ġew affettwati mill-attività ppjanata. ***Fil-każ tal-attivitajiet tas-sajd, għandhom jiġu kkonsultati l-RFMOs rilevanti.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) kwalunkwe kundizzjoni marbuta mad-deċiżjoni, deskrizzjoni ta' kwalunkwe karatteristika tal-attività ppjanata u/jew miżuri previsti għall-evitar, il-prevenzjoni jew it-tnaqqis ta' kwalunkwe tniġġis sostanzjali jew bidliet sinifikanti u ta' ħsara fl-ambjent marin kif ukoll miżuri ta' monitoraġġ. Fejn xieraq, dawn il-miżuri jistgħu jiġu inkorporati fi pjan ta' ġestjoni ambjentali. | (b) kwalunkwe kundizzjoni marbuta mad-deċiżjoni, deskrizzjoni ta' kwalunkwe karatteristika tal-attività ppjanata u/jew miżuri previsti għall-evitar, il-prevenzjoni jew it-tnaqqis ta' kwalunkwe tniġġis sostanzjali jew bidliet sinifikanti u ta' ħsara fl-ambjent marin kif ukoll miżuri ta' monitoraġġ. Fejn xieraq, dawn il-miżuri jistgħu jiġu inkorporati fi pjan ta' ġestjoni ambjentali. ***Id-deċiżjoni għandha tqis l-impatti assoċjati, bħall-impatti ekonomiċi, soċjali, kulturali u l-impatti fuq is-saħħa tal-bniedem, inklużi l-impatti soċjoekonomiċi fuq is-setturi u l-komunitajiet.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta tittieħed deċiżjoni li tiġi awtorizzata jew li ma tiġix awtorizzata attività ppjanata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw minnufih li d-deċiżjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz | 4. Meta tittieħed deċiżjoni li tiġi awtorizzata jew li ma tiġix awtorizzata attività ppjanata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw minnufih li d-deċiżjoni ssir disponibbli għall-pubbliku, inkluż permezz |

| | |
|---|---|
| tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ u tas-Segretarjat tal-BBNJ. Għal ***dan*** l-għan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-kummenti u l-opinjonijiet li jirċievu matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11 u deskrizzjoni tal-mod li bih dawn il-kummenti u l-opinjonijiet ikunu tqiesu jew ġew indirizzati b'xi mod ieħor. | tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ u tas-Segretarjat tal-BBNJ. Għal ***dak*** l-għan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli ***għall-pubbliku kwalunkwe kundizzjoni ta' approvazzjoni, inklużi l-kundizzjonijiet relatati mal-miżuri ta' mitigazzjoni u mar-rekwiżiti ta' segwitu, u*** l-kummenti u l-opinjonijiet li jirċievu matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11 u deskrizzjoni tal-mod li bih dawn il-kummenti u l-opinjonijiet ikunu tqiesu jew ġew indirizzati b'xi mod ieħor. |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni tista', f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, tipparteċipa mal-aġenziji tagħha fil-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) u mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Fil-każ tal-attivitajiet tas-sajd, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-data miġbura mill-attivitajiet tas-sajd fil-kuntest tal-RMFOs.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, li l-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal- | ***B'konsistenza mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, li l-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom |

| | |
|---|---|
| ġustizzja jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi sabiex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew tal-ommissjonijiet skont ***l-Artikoli*** 8 ***sa*** 13. | aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi sabiex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew tal-ommissjonijiet skont ***l-Artikolu*** 8 ***sal-Artikolu*** 13 ***u l-Artikolu 16 sal-Artikolu 19***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-proċeduri ta' rieżami msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ġusti, ekwi, f'waqthom u mingħajr ħlas jew ma għandhomx ikunu għaljin b'mod projbittiv, u għandhom jipprovdu rimedji adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fejn meħtieġ.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli għall-pubbliku informazzjoni prattika dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattiv u ġudizzjarju msemmija f'dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom, | 1. L-Istati Membri għandhom, |

| | |
|---|---|
| irrispettivament minn jekk jaġixxux individwalment jew kollettivament, jibagħtu l-abbozz ta' proposta skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim BBNJ ***jew ta' miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 24(3) ta' dak il-Ftehim*** lill-Kummissjoni qabel kwalunkwe sottomissjoni lis-Segretarjat tal-BBNJ. Malli tirċeviha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kollha u taqsam l-abbozz ta' proposta. Jekk Stati Membri oħra jkollhom kummenti, huma għandhom ***jippreżentaw*** dawn il-kummenti lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-abbozz ta' proposta jew qabel jekk ikun iġġustifikat mill-miżura ta' emerġenza. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kummenti ***li tirċievi*** lill-Istati Membri l-oħra. | irrispettivament minn jekk jaġixxux individwalment jew kollettivament, jibagħtu l-abbozz ta' proposta skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim BBNJ lill-Kummissjoni qabel kwalunkwe sottomissjoni lis-Segretarjat tal-BBNJ. Malli tirċeviha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kollha u taqsam l-abbozz ta' proposta. Jekk Stati Membri oħra jkollhom kummenti, huma għandhom ***jissottomettu*** dawn il-kummenti lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-abbozz ta' proposta jew qabel jekk ikun iġġustifikat mill-miżura ta' emerġenza. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kummenti lill-Istati Membri l-oħra***, malli tirċevihom. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu proposti għal miżuri ta' emerġenza skont l-Artikolu 24(3) tal-Ftehim direttament lis-Segretarjat tal-BBNJ.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni preliminari tal-abbozz ta' proposta jew tal-abbozz ta' miżuri ta' emerġenza li jaslulha skont il-paragrafu 1 qabel ma l-Istati Membri jippreżentaw kwalunkwe proposta jew abbozz lis-Segretarjat tal-BBNJ. L-għan tal-valutazzjoni preliminari huwa li tgħin sabiex jiġi ddeterminat jekk il-proposta jew il-miżura ta' emerġenza jenħtieġx li tiġi ppreżentata f'isem l-Unjoni, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni preliminari dwar jekk l-abbozz ta' proposta jew l-abbozz ta' miżura ta' emerġenza li ***jaslulha*** skont il-paragrafu 1 jenħtieġx li jiġi ppreżentat lis-Segretarjat tal-BBNJ mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Sakemm issir tali valutazzjoni preliminari, u jekk il-valutazzjoni preliminari tikkonkludi li s-sottomissjoni jenħtieġ li ssir f'isem l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jippreżentaw il-proposta jew il-miżura ta' emerġenza msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-BBNJ. | 3. ***Fi żmien 30 jum mill-iskadenza li għandhom l-Istati Membri biex jikkummentaw, kif stabbilit fil-paragrafu 1,*** il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni preliminari dwar jekk l-abbozz ta' proposta jew l-abbozz ta' miżura ta' emerġenza li ***jaslilha*** skont il-paragrafu 1 jenħtieġx li jiġi ppreżentat lis-Segretarjat tal-BBNJ mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Sakemm issir tali valutazzjoni preliminari, u jekk il-valutazzjoni preliminari tikkonkludi li s-sottomissjoni jenħtieġ li ssir f'isem l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jippreżentaw il-proposta jew il-miżura ta' emerġenza msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-BBNJ. |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-proposti skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim BBNJ dwar l-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi ***iż-żoni*** marini protetti, jew il-miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 24(3) ta' dak il-Ftehim għandhom jiġu fformulati abbażi tal-aħjar xjenza u informazzjoni xjentifika disponibbli u, fejn disponibbli, abbażi tal-għarfien tradizzjonali rilevanti tal-komunitajiet indiġeni u lokali, ***skont*** l-approċċ prekawzjonarju u approċċ ekosistemiku. | 1. Il-proposti skont l-Artikolu 19 tal-Ftehim BBNJ dwar l-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi ***ż-żoni*** marini protetti, jew il-miżura ta' emerġenza skont l-Artikolu 24(3) ta' dak il-Ftehim għandhom jiġu fformulati abbażi tal-aħjar xjenza u informazzjoni xjentifika disponibbli u, fejn disponibbli, abbażi tal-għarfien tradizzjonali rilevanti tal-komunitajiet indiġeni u lokali, ***filwaqt li jitqiesu*** l-approċċ prekawzjonarju u approċċ ekosistemiku. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Il-partijiet*** ikkonċernati, inklużi l-istati u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali, kif ukoll is-soċjetà ċivili, il-komunità xjentifika, is-settur privat u l-komunitajiet indiġeni u lokali***, għandhom jiġu kkonsultati, kif xieraq, dwar l-iżvilupp*** tal-proposti msemmija f'dan il-Kapitolu. | 2. ***L-Istati Membri għandhom jikkollaboraw u jikkonsultaw, kif xieraq, mal-partijiet*** ikkonċernati, inklużi l-istati u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali, ***fosthom l-RMFOs,*** kif ukoll is-soċjetà ċivili, il-komunità xjentifika, is-settur privat u l-komunitajiet indiġeni u lokali ***għall-iżvilupp*** tal-proposti msemmija f'dan il-Kapitolu. |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni relatata mal-istabbiliment ta' għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-attivitajiet taħt il-ġuriżdizzjoni jew il-kontroll tagħhom li jseħħu fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali jitwettqu f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet adottati skont il-Parti III tal-Ftehim BBNJ. | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jippromwovu, kif xieraq, l-adozzjoni ta' miżuri skont strumenti u oqfsa legali rilevanti u korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti li huma membri tagħhom, ħalli jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ***magħmula*** mill-Konferenza tal-Partijiet skont il-Parti III tal-Ftehim BBNJ. | 2. L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni, meta applikabbli,*** għandhom jippromwovu, kif xieraq, l-adozzjoni ta' miżuri skont strumenti u oqfsa legali rilevanti u korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti li huma membri tagħhom, ħalli jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ***adottati*** mill-Konferenza tal-Partijiet skont il-Parti III tal-Ftehim BBNJ. ***Huma jistgħu jipparteċipaw f'koordinazzjoni bejn dawn il-korpi jew bejn żoni protetti meta jkunu interkonnessi.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lil dawk il-pajjiżi terzi li huma intitolati li jsiru partijiet għall-Ftehim BBNJ, partikolarment dawk li l-attivitajiet, il-bastimenti jew iċ-ċittadini tagħhom joperaw f'żona li hija s-suġġett ta' għodda tal-ġestjoni skont iż-żona stabbilita, inkluża żona marina protetta, sabiex jadottaw miżuri li jappoġġaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza tal-Partijiet dwar l-għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, stabbiliti skont il-Ftehim BBNJ.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu ta' Skambju ta' Informazzjoni tal-BBNJ.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 - paragrafu 2 c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2c. Abbażi tal-informazzjoni mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapporti biannwali lill-Parlament Ewropew dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont din id-Direttiva u dwar l-iżviluppi globali rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim BBNJ, inkluża informazzjoni dwar il-konformità, l-infurzar u l-monitoraġġ xjentifiku.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jingħata l-opportunità li jipparteċipa fit-tħejjija ta' proposti sabiex jiġu stabbiliti għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, skont l-Artikolu 15 ***f' konformità*** mar-rekwiżiti tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2001/42/KE. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jingħata l-opportunità li jipparteċipa fit-tħejjija ta' proposti sabiex jiġu stabbiliti għodod tal-ġestjoni skont iż-żona, inklużi żoni marini protetti, skont l-Artikolu 15 ***f'konformità*** mar-rekwiżiti tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2001/42/KE. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsultazzjonijiet dwar il-proposti sottomessi skont l-Artikolu 17 ta' din id-Direttiva jkunu inklużivi, trasparenti u miftuħa għall-partijiet ikkonċernati*** |

| | |
|---|---|
| | ***rilevanti kollha, inklużi l-Istati u l-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali, inklużi l-RFMOs, kif ukoll is-soċjetà ċivili, il-komunità xjentifika, il-Popli Indiġeni u l-komunitajiet lokali.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu dmirijiet skont din id-Direttiva jkollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu dmirijiet skont din id-Direttiva jkollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv ***u biex jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali tal-UE bl-aħjar mod***. |

## ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

| **1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza** |
|---|
| High Seas Alliance |
| **2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom** |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali |
| **Referenzi** | COM(2025)0173 – C10-0074/2025 – 2025/0090(COD) |
| **Kumitati responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>7.7.2025 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH<br>7.7.2025 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Emma Fourreau<br>5.6.2025 |
| **Eżami fil-kumitat** | 4.9.2025 |
| **Data tal-adozzjoni** | 16.10.2025 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 4<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Thomas Bajada, Asger Christensen, Carmen Crespo Díaz, Siegbert Frank Droese, Emma Fourreau, Nora Junco García, Isabella Lövin, Giuseppe Lupo, Francisco José Millán Mon, Jessica Polfjärd, Bert-Jan Ruissen, Sander Smit, Emma Wiesner |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Carlo Ciccioli, Anna Maria Cisint, Marco Falcone, Luke Ming Flanagan, Idoia Mendia, Eric Sargiacomo, Michal Wiezik |
| **Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali** | Paolo Borchia, Herbert Dorfmann, Camilla Laureti, Michele Picaro, Giusi Princi, Isabella Tovaglieri |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 22 | + |
|---|---|
| ECR | Carlo Ciccioli, Nora Junco García, Michele Picaro, Bert-Jan Ruissen |
| PPE | Carmen Crespo Díaz, Herbert Dorfmann, Marco Falcone, Francisco José Millán Mon, Jessica Polfjärd, Giusi Princi, Sander Smit |
| Renew | Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik |
| S&D | Thomas Bajada, Camilla Laureti, Giuseppe Lupo, Idoia Mendia, Eric Sargiacomo |
| The Left | Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau |
| Verts/ALE | Isabella Lövin |

| 4 | - |
|---|---|
| ESN | Siegbert Frank Droese |
| PfE | Paolo Borchia, Anna Maria Cisint, Isabella Tovaglieri |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni